# LILL-MITĦNA TAR-RIĦ

Ta' M. ANĠ. APAP

Ja mitħna, min kien waqqfek
Mibruma u hekk qawwija,
donnok sejra teħodha
ma' rwiefen qerredija;
    nistħajlek xi kolonna,
    mafkar il-ġnus mgħoddija.

Min jaf kemm dort ilventa
faċċata ta' kull riħ,
fejn dawrek l-għaqli sidek
bla qatt ma kont tmerih;
    ix-xogħol issa temmejtu
    għalhekk qiegħda tistrieħ.

Min jaf kemm rajt madwarek
fuq rashom, nies bil-qmuħ,
telgħin jilhġu ma' l-għolja,
donnhom f'reqqet ir-ruħ,
    li biex jistrieħu ftit,
    fuq ħajt kienu jqegħduh.

Kemm rajt xkejjer bit-tgħam
ġejjin fuq dahar il-ħmir,
u qalbek bihom mgħaxxqa,
ferħana trid ittir,
    għax int ħanina u bieżla
    bla għira, bla tmaqdir.

Kemm rajt beraq sajjetti,
ifeqqgħu bla mistrieħ!
li kienu jiġu mxierka
mal-ħabib tiegħek ir-riħ?!
    Kif jagħmlu l-ħbieb tad-dinja...
    kull tant juruk il-qiegħ...

Kemm ħarsu lejk il-bdiewa
mill-bogħod tal-għorfa tagħhom
u fik raw l-omm ħanina
li bieżla qed titmagħhom;
    ħarbitlek issa l-ħajja,
    għalhekk m'għadekx hawn magħhom.

Ukoll l-għasafar ħielsa
madwarek ġew bil-qtajja',
għaliex fil-għaks tax-xtiewi
fi ħdanek sabu l-ħajja;

    għax inti tħobb lil għajrek
    bla tieqaf, u bla tgħaja.

Għaliex, ja mitħna bieżla
warrbitek il-bnedmin?!
Għax sabet min jaqdiha
bla riħ, malajr, f'kull ħin;
    bir-roti tal-azzar
    iduru ma' xulxin!

Iżd'int m'għandekx tinqered,
għax inti ħdimt fis-sewwa!
Erġ' għolli 'l fuq dirgħajk
ħa jduru b'dik il-ħlewwa,
    Tibżax; kulħadd jixtieq
    jarak iddur bla dnewwa.

Dur, mitħna, dur, bla hedu
W' urina l'għalkemm xiħa
Int għadek tiflaħ taħdem,
tinsab qawwija sħiħa,
    biex meta n-nies iżżurek
    tarak tassew sabiħa.